# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 26 ta' Novembru 2015**

**Kawza Numru : 19**
**Rikors Guramentat Numru : 500/2015/LSO**

**Nicholas *sive* Colin Mercieca (KI 296270M) u Malcolm Mercieca (KI 8077M)**

**vs**

**Grace Vella (KI 1012446M)**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat ta' Nicholas *sive* Colin Mercieca (KI 296270M) u Malcolm Mercieca (KI 8077M) datat 25 ta' Mejju 2015 fejn Nicholas *sive* Colin Mercieca bil-gurament

tieghu kkonferma li huwa jaf bis-segwenti fatti personalment:

**Dikjarazzjoni tal-Fatti:-**

Illi fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008) mietet Teresa Mercieca, armla ta' Fortunato Mercieca, omm l-intimata u n-nanna paterna tal-esponenti (kopja tac-certifikat tal-mewt annessa u mmarkata 'Dok. A');

Illi l-imsemmija Teresa Mercieca kellha zewg ulied, u cioe' missier l-esponenti Joseph Mercieca, u l-intimata;

Illi Teresa Mercieca irregolat il-wirt taghha permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono datat tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u erbgha (2004), permezz ta' liem innominat u istitwixxiet bhala werrieta universali u padruna assoluta tal-gid kollu taghha lill-intimata (kopja tar-ricerki testamentarji u tat-testment hawn fuq imsemmi annessi u mmarkati 'Dok. B', 'Dok. C' u 'Dok. D' rispettivament);

Illi kif jirrizulta mir-raba' artikolu tal-imsemmi testament, missier l-esponenti Joseph Mercieca gie dizereditat *ai termini* ta' l-artikolu 623 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005) miet l-imsemmi Joseph Mercieca, u ghaldaqstant miet

qabel it-testatrici ommu Teresa Mercieca (kopja tac-certifikat tal-mewt hawn annessa u mmarkata 'Dok. E');

Illi l-esponenti huma l-unici ulied u werrieta tal-mejjet Joseph Mercieca, u dan skont it-testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Dottor John Spiteri datat sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija tlieta u disghin (1993) (kopja tar-ricerki testamentarji u tat-testment hawn fuq imsemmi annessi u mmarkati 'Dok. F' u 'Dok. G' u 'Dok. H' rispettivament);

Illi *in vista* tas-suespost, l-esponenti bhala tali jispettahom is-sehem rizervat fuq il-wirt ta' l-imsemmija Teresa Mercieca, u dan *ai termini* tal-artikoli 626(1) u 627 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Raguni tat-Talba:-**

Illi minkejja li l-intimata giet interpellata diversi drabi, sahansitra permezz ta' ittra ufficjali pprezentata quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-14 ta' April 2015 (kopja legali annessa u mmarkata 'Dok I'), hija baqghet inadempjenti, u ghaldaqstant kellhom jigu istitwiti dawn il-proceduri;

**Talbiet:-**

Ghaldaqstant l-esponenti, *in vista* tal-premess, jitlobu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tillikwida l-beni formanti parti l-assi tal-mejta Teresa Mercieca, billi tiddikjara li jikkonsistu f'dawk il-beni u assi li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Tillikwida s-sehem rizervat spettanti lill-esponenti fuq l-assi tal-mejta Teresa Mercieca u tordna li l-istess assi jithallsu lilhom mill-intimata, bl-interessi fuq is-somma dovuta b'effett mid-data tal-mewt ta' Teresa Mercieca sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-14 ta' April 2015, kontra l-intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta' Lulju 2015.

Rat ir-risposta guramentata ta' Grace Vella (KI 1012446M) datata 19 ta' Gunju 2015 (fol 28) fejn bil-gurament taghha kkonfermat:

1. Illi preliminarjament ir-rikors guramentat tar-rikorrenti huwa null *ai termini* tal-artikolu 156 (1) (a) u 789 (1) (d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress illi sar in vjolazzjoni tal-principju kardinali *electam una via non datum recursus ad alter am* ghaliex huwa bazat fuq zewg azzjonijiet separati u distinti minn xulxin li qed jigu proposti f' kawza wahda u cioe` kawza *ai termini* tal-artikolu 626(1) li tinvolvi sitwazzjoni fejn id-dizeredat ikun ghadu haj mal-mewt tat-testatur, u fl-istess nifs ukoll *ai termini* tal-Artikoli

627 tal- Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li hija azzjoni li tista' titressaq f'kaz li d-dizeredat ikun gie nieqas qabel it-testatur, liema azzjonijiet jinvolvu ezami u rimedju ghal kollox distinti. Din il-vjolazzjoni ma tistax tissewwa taht l-ebda dispozizzjoni tal-ligi u ghalhekk l-esponenti umilment tissottometti illi ghandha tigi minnufih iddikjarata n-nullita` tar-rikors promotur.

2. Illi wkoll in linja preliminari, ir-rikors guramentat huwa null u dan peress illi ma jistax iwassal ghal gudizzju integru minhabba li r-rikorrenti naqsu milli jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeciedi u tiddikjara x'inhuma l-jeddijiet taghhom bhala dixxendenti tad-dizeredat *ai termini* tal-artikolu 627 tal-Kodici Civili.

3. Illi *inoltre*, u wkoll preliminarjament, l-azzjoni kif proposta mir-rikorrenti hija nulla u dan peress illi l-premessa illi missierhom gie dezereditat ma gietx segwita mill-appozita talba sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi u tiddikjara illi missierhom gie dizereditat *a tenur* ta' l-artikolu 625(1), u ghalhekk il-gudizzju fuq l-azzjoni kif imposta ma jistax ikun integru peress illi minhabba dan in-nuqqas, is-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti ser tkun nieqsa minn decizjoni fuq element fundamentali tal-azzjonijiet proposti mir-rikorrenti.

4. Illi wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq espost, l-azzjoni kif proposta mir-rikorrenti hija preskritta *ai termini* ta' l-artikolu 845 tal-Kap 16.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt kif sejjer jirrizulta fil-mori ta' din il-kawza.

6. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taccetta t-talbiet tar-rikorrenti ghal-likwidazzjoni u hlas pretiz minnhom, l-interessi m'ghandhomx jibdew jiddekorru mid-data tal-mewt ta’ Teresa Mercieca, izda *se mai* mid-data tas-sentenza u cioe` meta jigi likwidat kull ammont li jista' jkun dovut lir-rikorrenti.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti, inkluz dawk tal-ittra responsiva datata 8 ta' Mejju 2015, minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma t-Tlieta, 6 ta' Ottubru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u l-partijiet prezenti. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel tliet eccezzjonijiet preliminari, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghall-sentenza *in parte* ghas-26 ta’ Novembru 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Din hija sentenza *in parte* dwar l-ewwel (1), it-tieni (2), u t-tielet (3) eccezzjonijiet sollevati mill-intimat.

Permezz tal-kawza prezenti, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu l-likwidazzjoni ghas-sehem (porzjon riservat lilhom) a tenur tal-Artikolu 627, *stante* li missierhom kien gie dizeredat minn ommu Teresa Mercieca. Izda, missierhom Joseph Mercieca li kien dizeredat miet qabel ommu Teresa.

L-intimata Grace Vella qajmet diversi eccezzjonijiet in linea preliminari, u cjoe` l-improponibilita` tal-azzjoni odjerna, fejn gie sostnut li zewg azzjonijiet qeghdin jigu proposti f'kawza wahda, kif ukoll minhabba nuqqas ta' dikjarazzjoni bhala dixxendenti tad-dizeredat skont l-Artikolu 627 tal-Kap 16, u *stante* nuqqas ta' talba li missier ir-rikorrenti gie dizereditat skont l-Artikolu 625(1) tal-Kap 16.

**Fatti:**

Il-fatti li jirrizultaw mill-atti esebiti li ghandhom rilevanza huma fil-qosor is-segwenti:

Teresa Mercieca irregolat il-wirt taghha b'testment fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono datat 3 ta' April 2004 fejn halliet lill-intimata bhala werrieta universali tal-gid kollu taghha. **(Dok D)**. Fir-raba' artikolu tal-imsemmi testament, missier ir-rikorrenti Joseph Mercieca gie dizeredat *ai termini* tal-Artikolu 623 tal-Kap 16. Teresa Mercieca mietet

fit-28 ta' Jannar 2008 (**Dok.A**). Fit-12 ta' Jannar 2005, miet Joseph Mercieca **(Dok.E**) u ghalhekk kien premorjenti ghal ommu. Ghaldaqstant, ir-rikorrenti, l-unici ulied u werrieta tal-mejjet Joseph Mercieca (**Dokti F - H**) qeghdin jitolbu s-sehem li jispetta lilhom fuq il-wirt ta' Teresa Mercieca *ai termini* **tal-Artikoli 626(1)** u **627 tal-Kap 16.**

**Xhieda rilevanti:**

**Malcolm Mercieca** (affidavit fol 33-34) xehed li missieru Joseph Mercieca kien jahdem go garaxx in-Naxxar flimkien ma' missieru Fortunato, izda fl-1990 kienet inqalghet kwistjoni bejn missieru u n-nannu Fortunato u sussegwentement in-nannu ma baqax jersaq lejn il-garaxx. In segwitu, r-relazzjoni ta' missieru man-nanniet qatt ma tjiebet sa meta kellhom laqgha ghand l-avukat fit-12 ta' Jannar 2005 u ntqal lilhom li kien il-waqt li jifthu kaz il-Qorti ghax kienu ser jiskadu l-ghaxar snin. Qal li dakinhar stess sabu lil missierhom mejjet tragikament. Semma li fis-sena 2005, hu u huh pprocedew bil-kaz odjern ghall-porzjon riservat fir-rigward tal-wirt ta' nannuhom Fortunato Mercieca .

Dan kollu gie kkorroborat minn omm ir-rikorrenti, **Carmen Mercieca** (affidavit fol 35-38)

**L-Ewwel Eccezzjoni:**

Illi l-azzjoni hija improponibbli peress li r-rikors sar in vjolazzjoni tal-principju *electam una via non datum*

*recursus ad alteram* ghaliex hu bbazat fuq zewg azzjonijiet separati u distinti, u cjoe` kawza *ai termini* tal-Artikolu 626(1) u wkoll *ai termini* tal-Artikolu 627 tal-Kap 16.

Izda l-kwistjoni li ghandha quddiemha l-Qorti b'din l-eccezzjoni hija jekk dan jirrisulta u, f'kaz affermattiv, jekk dan ghandux iwassal ghan-nullita` ta' l-azzjoni odjerna.

Illi fejn ikun hemm eccezzjonijiet ta' nullita` bhal dawk li gew sollevati fil-kawza odjerna, wiehed ghandu jezamina jekk verament dawn l-eccezzjonijiet fis-sustanza taghhom iwasslux ghan-nullita` *o meno*. Fil-fatt, l-emendi li saru fil-**Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV tas-sena 1995** kienu intizi, *inter alia*, prorju sabiex jigu evitati dawn it-tip ta' eccezzjonijiet.

Illi apparti li llum jigu accettati diversi tipi ta' korrezzjonijiet fl-atti, huwa fatt ben risaput illi l-att promotorju preferibbilment ghandu jissalva u m'ghandux jitwaqqa' hlief ghal ragunijiet gravi. Hekk fis-sentenza minnha moghtija fit-30 ta' Marzu 2010 fl-ismijiet "**Michael Micallef vs Louis Mamo et"** din l-Onorabbli Qorti qalet testwalment hekk:

"L-Artikolu 156(1) tal-Kap 12 jipprovdi li c-citazzjoni (illum rikors mahluf) ghandu jkun fiha:

a) *tifsir car u sewwa ta' l-oggetti u r-raguni tat-talba, u*
b) *it-talba u t-talbiet li ghandhom ikunu enumerati*

"Din id-disposizzjoni tal-ligi nghatat fil-gurisprudenza interpretazzjoni wiesgha fis-sens li ma gietx adottata l-istrettezza li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi. Hekk fis-sentenza **"Moore noe vs Falzon et"** P.A. 15 ta' Dicembru 1995) kien deciz li – '*ghalhekk gie ritenut illi l-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b'mod li l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista' tkun anki dedotta mid-domanda* (Kollezz. XXXIV.II.502, XXIX.I.431 u XXXII.I.228)". Ara wkoll **Mario Mizzi noe et vs Mario Grech noe et** PA – 3 ta' Ottubru 2003) fejn din il-gurisprudenza tinsab ukoll iccitata.

"Hekk ukoll inghad fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **"Bonnici vs Zammit noe"** deciza fl-20 ta' Jannar 1986 fejn it-tifsira ta' l-Artikolu 156(1) kienet spjegata hekk- "*Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero` li kwalunkwe nuqqas da parti ta' l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta' l-Artikolu 155(1) (illum156(1) tal-Kap 12) u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni .Infatti, biex citazzjoni tigi mwaqqfa irid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defungenti jew zbaljata b'mod li l-konvneut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha u mhux spezzettata*."

"Il-prassi segwita mill-Qrati Taghna, anke a bazi ta' l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluz l-Artikolu 175 tal-Kap 12 hija li 'formalizmu esagerat ilu hafna li gie mnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh." ("**Fino vs Fabri noe" –** Qorti tal-Appell – 28 ta' Frar 1997) u konsegwentement l-atti ghandhom jigu salvati anziche annullati jew dikjarati nulli. ("**Ellul vs Coleiro"- Qorti tal-Appell –** 24ta' Jannar 1994**).**

Fil-kaz **"The Margarine Import Company Ltd. Vs Kontrollur tad-Dwana",** P.A. deciza fit-3 ta' Ottubru 2003, inghad, li skont l-insenjament tal-**Laurent** (Principii di diritto Civile, Vol.1 par 43) *"in nullita: e` un mezzo estremo cui il legislatore non ricorra che in caso di necessita`*

Fil-kaz **"Francis Xavier sive Mose Aquilina vs Carmela sive Lina Aquilina"** Appell Civili - 21 ta' Marzu 1988, tqajjem il-punt li biex tigi dikjarata nulla l-azzjoni u jitwaqqaf il-kors taghha, jenhtieg li jikkonkorru ragunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut."

Fil-kaz **"Capua Palace Ltd. Vs Arcidiacono Boris"** deciza fil-31 ta' Jannar 2003, gie ritenut li:

"*Fejn hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati ghandhom iqisu b'cirkospezzjoni eccezzjoni ta' nullita` ta' att gudizzjarju. Biex att ta' citazzjoni jghaddi mill-prova tal-*

*validita` huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta' hsara ghall-imharrek li jiddefendu lilu nnifsu mit-talba tal-attur";*

"*Hu necessarju li jkun jirrizulta rapport ta' konnessjoni ragjonevolment identifikabbli bejn il-premessi migjubin bhala l-kawza tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut*".

Illi l-ligi nostrana titkellem car meta citazzjoni ghandha tigi dikjarat nulla.

**L-Artikolu 789 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civli** jistipula li:

*1 L-eccezzjoni ta' nullita` ta' atti gudizzjarji tista' tinghata*

*a) jekk in-nullita` hija ddikjarat mil-ligi espressament;*

*b) jekk l-att jinhareg minn Qorti mhux kompetenti;*

*c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux that piena ta' nullita`, kemm il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li ttilob in-nullita`, pregudizju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat;*

*d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi.*

*Izda dik l-eccezzjoni ta' nullita` kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d), ta' dan is-subatikolu ma tkunx tista' tinghata jekk*

*dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi.*

*(2) l-eccezzjoni ta' nullita` ta' l-att, taht is-subartikolu (c) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghet taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma tecepixxi dik in-nullita`*."

Fil-kaz odjern, u anke f'dak li jirrigwarda iz-zewg eccezzjonijiet l-ohra, l-intimata qed iggib il-quddiem in-nullita' *ai termini* tas-subartikolu (c) u (d) tal-artikolu 156 (1) premess.

Ir-rigorozita formali, kif jirrizulta mill-gurisprudenza ccitata, giet temperata tul is-snin sabiex "*issir gustizzja sostanzjali fil-mertu tal-kaz".* (**"Michael Attard nomine vs Raymond Galea -** Q.A. - deciza fit-12 ta' Mejju 1998) u "*kif gie ritenut minn dawn il-Qrati, ir-rigorozita procedurali u l-formalizmu esagerat larament huma ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk ma ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza*."(**"Aquilina vs Cassar" –** Vol.LXXVI.iv.666). (Ara wkoll **"James Demanuele vs Elena Maria Felice"** P.A. deciza fit-30 ta' April 2002 u l-gurisprudenza hemm traccjata).

Ikkunsidrat li jekk wiehed iqis it-talba kif maghmula, fl-isfond tal-fatti, jirrizulta li dak li qeghdin jitolbu r-rikorrenti ma jhalli ebda dubbju dwar il-pretensjoni taghhom cjoe, dak li jispetta lilhom mis-sehem riservat fuq il-wirt ta' l-

imsemmija Teresa Mercieca. L-argument sostnut mill-intimata fit-trattazzjoni, li ma setghux jigu citati z-zewg Artikoli tal-ligi 626(1) u l-artikolu 627, imma semmai wiehed jew l-iehor ma jregix. Din il-Qorti hi tal-fehma li dawn iz-zewg artikoli tal-Ligi, fil-fatt jikkumplimentaw lil xulxin u mhumiex separati minn xulxin. L-intimata mhix issofri l-ebda pregudizju fid-difisa taghha minhabba l-fatt li gew citati dawn iz-zewg Artikoli tal-Ligi. L-Artikolu 627 isegwi fuq dak li ighid l-Artikolu 626(1). Ghalhekk, kien ahjar li jigu nkluzi z-zewg artikoli milli wiehed minnhom kien ommess.

Ghal dawn il-motivi, l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

**<u>It-tieni eccezzjoni:</u>**

Illi l-azzjoni hija improponibbli peress li ma jistax iwassal ghal gudizzju integru minhabba li r-rikorrenti ma talbux il-Qorti biex tiddikjara x'inhuma l-jeddijiet taghhom bhala dixxidenti tad-diseredat *ai termini* tal-Artikolu 627.

Dwar din l-eccezzjoni, l-Qorti ssib li minkejja li fir-rikors guramentat tar-rikorrenti ma saritx it-talba partikolari imsemmija, certament ma jirrendix iċ-ċitazzjoni nulla.

Is-sustanza tal-azzjoni hija r-riga li ghandha tintuza fl-apprezzament ta' din l-eccezzjoni. Jirrizulta li dak li qeghdin jitolbu r-rikorrenti, huwa s-sehem spettanti lilhom mill-wirt ta' Teresa Mercieca *stante* li missierhom kien dizereditat. Dan il-fatt johrog mit-testment tad-decujus stess u ma

jiddependix minn l-ebda dikjarazzjoni ulterjuri. Inoltre, fil-kaz tallum, kif sewwa inghad fit-trattazzjoni, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu l-legittima, peress li ladarba d-dizeredat miet qabel ommu, it-tfal tieghu ma jitilfux dak id-dritt ghall-porzjon riservat. Dan kollu johrog car mill-Artikolu tal-Ligi ccitat. Ghaldaqstant, m'hemmx htiega ta' dikjarazzjoni galadarba jirrizulta u jigi ppruvat li huma l-unika ulied tal-mejjet dizeredat Joseph Mercieca.

F'dan ir-rigward, jekk jenhtieg kjarifika ulterjuri tal-posizzjoni tal-Qrati taghna, tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Maltacom plc v. Angelo Schembri**[1], fejn ġie ritenut li:

*"in kwantu t-talba dikjaratorja preordinata għall-kundanna mhix rekwiżit "sine qua non" li mingħajrha l-avviż hu monk. Hi paċifiku fil-ġurisprudenza Maltija illi d-domanda tista' tiġi inferita u jew sostenuta "per equipollens" (**Vol XXXVI** pI p105). U billi d-domanda għall-kundanna għall-ħlas tas-somma tad-danni għandha impliċita fiha r-responsabilita` li tat lok għal dawk id-danni, ma hijiex irritwali d-domanda li biha tintalab il-kundanna mingħajr ma jkun hemm ukoll fl-Avviż it-talba għad-dikjarazzjoni tar-responsabilita` Jinsab in fatti stabbilit illi "d-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu meħtiega biex l-attur jasal għal xi waħda mid-domandi tiegħu, m'hemmx bżonn li jsiru fiċ-ċitazzjoni taħt forma ta' domandi*." (Vol XXXIII pI p666)"

---

[1] Qorti tal-Appelli Ċivili (Inferjuri) 16 ta' Diċembru 2002 (Imħallef P. Sciberras)

It-talba tar-rikorrent hija cara u bazata fuq l-Artikolu 627 li jipprotegi lill-ulied ta' persuna dizeredata.

Ghalhekk, tichad it-tieni eccezzjoni.

**It-tielet eccezzjoni:**

Illi wkoll in linea preliminari gie eccepit li l-azzjoni hija improponibbli *stant*e li ma saritx talba sabiex il-Qorti tiddeciedi u tiddikjara li missierhom gie dizeredat *a tenur* tal-Artikolu 625(1), u ghalhekk, il-gudizzju mhux integru, *stante* li d-decizjoni tal-Qorti ser tkun nieqsa minn decizjoni fuq element fondamentali tal-azzjoni proposta. Dwar in-necessita' ta' talba dikjaratorja simili, l-Qorti taghmel riferenza ghal dak ritenut minnha fl-ezami tat-tieni eccezzjoni tal-intimata.

Id-domanda ghas-sehem riservat fit-termini tal-artikolu 627 tal-Kodici Civili ghandha implicita fiha d-dizeredazzjoni ta' missier ir-rikorrenti, u anke l-premorjenza tieghu ghad-decujus li taw lok ghal dik it-talba. Hu pacifiku li l-azzjoni odjerna ma tikkontemplax il-kwistjoni tad-dizeredazzjoni nnifisha. Din tirrizulta mit-testment ta' Teresa Mercieca u hija msemmija b'mod car u esplicitu. U hemm ukoll ir-raguni ghad-dizeredazzjoni. Ghaldaqstant, *in vista* tat-talba kif proposta mir-rikorrenti, m'hemmx lok li l-Qorti tezamina ulterjorment il-kwistjoni tad-dizeredita`. Id-dizeredazzjoni ghandha l-effett li ccahhad lil min ikun intitolat minn dak is-sehem riservat lilu.

Ghalhekk, din l-eccezzjoni dwar il-karenza ta' talba ghal dikjarazzjoni ta' dizeredita` mhix sostenibbli.

Tichad it-tielet eccezzjoni.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad, l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet, tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq it-talbiet attrici.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimata.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**26 ta' Novembru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Novembru 2015**